MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 1074/2013

**Christine Borda**

**vs**

**Joseph Borda**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Joseph Borda li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha ai termini tal-Art. 281 tal-Kap. 12 thassar l-att ezekuttiv 1691/2013 fl-ismijiet premessi. Talab ukoll inoltre li, wara d-decizjoni tar-rikors odjern, ikun jista’ jizbanka mir-Registru tal-Qorti kwalunkwe somma li tista’ tigi hemm depozitata bis-sahha ta’ dan il-mandat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Christine Borda li ghar-ragunijiet imfissra fl-istess risposta talbet lil din il-Qorti tichad it-talba ghat-thassir tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv imsemmi, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi fl-10 ta’ Lulju 2009, il-partijiet infirdu minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni li kien jipprovdi fost affarijiet ohra li l-mara kellha kreditu parafernali favur taghha fl-ammont ta’ tletin elf, mitejn u wiehed u tmenin ewro (€30,281). Kien jipprovdi inoltre:

“*Ir-ragel jobbliga ruhu minn issa li, fi zmien erba’ xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali fuq imsemmi, ihallas lill-mara, li taccetta, kwalunkwe bilanc li jista’ jibqa’ dovut lilha skont dan il-paragrafu, jekk mir-rikavat tal-bejgh ma jkunx hemm bizzejjed fondi biex tigi sodisfatta s-somma dovuta lilha skont kif appena inghad.*”

F’sentenza moghtija mill-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta’ Lulju 2012, fi proceduri stitwiti sabiex tinbiegh id-dar matrimonjali in licitazzjoni, il-Qorti rriteniet illi:

“*iii. Sussegwentement l-attrici ghandha tircievi s-somma ta’ €30,281, bhala hlas tad-dejn parafernali. Dejn li fil-fehma tal-qorti ghandu jinghata preferenza in kwantu hu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.*”

Fit-30 ta’ Settembru 2013, Christine Borda pprezentat ittra ufficjali fejn intqal hekk:

“*Peress illi d-debitu minnek dovut huwa cert, likwidu u ghalaq ai termini tal-artikolu 253 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-ittra ufficjali qed tintbaghat sabiex trendi il-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi ezegwibbli ai termini tal-artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta*.”

Wara dan, hija talbet u ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv kontra Joseph Borda fl-ammont ta’ €30,281 a bazi tal-ittra ufficjali li biha kien gie rez ezegwibbli l-kuntratt ta’ separazzjoni.

Joseph Borda qed jitlob it-thassir ta’ dan il-mandat ghaliex; a) is-sentenza fuq citata li ghaddiet in gudikat qalet li d-dejn huwa fil-konfront tal-komunjoni; b) fil-kuntratt ta’ separazzjoni, ir-referenza hija ghal somma incerta li tista’ tigi dovuta f’data incerta jekk ir-rikavat mill-bejgh tad-dar ma jkunx sufficcjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu parafernali ta’ Christine Borda; c) Joseph Borda jsostni li d-djun kollha gew saldati u; d) Christine Borda ma mxietx skont l-Art. 258 (c) tal-Kap. 12.

Christine Borda, min-naha taghha, issostni illi s-sentenza fuq citata ma biddlet xejn mill-kuntratt tas-separazzjoni. Issostni li hija ghandha titolu ezekuttiv a tenur tal-Art. 253 (b) tal-Kap. 12. Issostni li l-kreditu taghha baqa’ mhux saldat.

Il-Qorti tibda biex tenfasizza li procedura ta’ din ix-xorta ma tridx tithalla tikkonverti ruhha f’ezami tal-mertu tal-kwistjoni tal-kreditu pretiz. Dan, il-Qorti zammitu quddiem ghajnejha fl-ezercizzju li ghamlet biex tezamina l-vertenza odjerna.

L-Art. 281 tal-Kap. 12 jipprovdi ghat-thassir ta’ mandat ezekuttiv (u dan b’distinzjoni mit-thassir tal-ezekuzzjoni tieghu).

“***281*** *(1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista’ taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista’ tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghalkollox jew f’parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.*”

Christine Borda talbet u ottjeniet il-hrug ta’ mandat ezekuttiv fil-konfront ta’ Joseph Borda a bazi tal-kuntratt

ta’ separazzjoni rez ezegwibbli bl-ittra ufficjali datata 30 ta’ Settembru 2013.

L-Art. 253 jipprovdi illi huma titoli ezekuttivi.

“***253*** *(b) Il-kuntratti rcevuti min-nutar pubbliku ta’ Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f’esekuzzjoni ta’ fatt.*”

Issa qari tal-klawsola relattiva fil-kuntratt issib referenza ghal “<u>kwalunkwe bilanc li jista’ jibqa’ dovut lilha</u> skont dan il-paragrafu, <u>jekk</u> mir-rikavat tal-bejgh ma jkunx hemm bizzejjed fondi biex tigi sodisfatta s-somma dovuta lilha skont kif appena inghad” (sottolinear tal-Qorti). Dan kellu jsir “fi zmien erba’ xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh tal-fond”.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax tqis li l-kreditu li tippretendi li ghandha Christine Borda huwa cert, likwidu u ghalaq. Semmai, il-pretensjoni taghha tista’ tiskatta wara li jsiru l-kalkoli kollha ta’ tnaqqis ta’ djun ohra mill-ammont rikavat. Galadarba fl-istess kuntratt l-ammont tal-kreditu, meta u jekk jezisti, kien dipendenti minn fatturi ohra li fil-mument tal-kuntratt kienu ghadhom injoti u mprevedibbli ma jistax jinghad li d-dejn kien cert u likwidu. Ma tezisti ebda dikjarazzjoni gudizzjarja jew ftehim dwar jekk ghandhiex tircievi Christine Borda u jekk iva, kemm – altru milli cert. F’dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-atti tar-rikors “Galea vs Mayo” fejn il-Qorti rriteniet:

“*Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qed jattakka t-titolu ezekuttiv pretiz mill-intimata, kemm ghax l-ammont tal-awment in kwantu jirreferi ghall-futur, jiddependi fuq kriterji incert. Ghalhekk, f’dan ir-rigward, il-kuntratt ma jistax jikkwalifika bhala titolu ezekuttiv fit-termini tal-Artikolu 253(b).*”

Christine Borda fit-twegiba taghha ticcita diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati li, madanakollu ma japplikawx ghaliex jippresupponu titolu ezekuttiv validu skont il-ligi, ghad-differenza ta’ dak li tvanta Christine Borda. Lanqas ma

taqbel din il-Qorti mal-asserzjoni taghha li l-“Financial Law Committee” citata mill-partijiet hija ta’ konfort ghat-tezi taghha li hija ma tehtiegx dikjarazzjoni gudizzjarja.

Fid-dawl ta’ dan, ghalhekk, din il-Qorti ma tqisx il-htiega li tindaga oltre, galadarba mill-fuq esposti konsiderazzjonijiet jirrizulta lilha li l-mandat de quo ghandu jithassar.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ Joseph Borda kontenuta fir-rikors tieghu tal-11 ta’ Novembru 2013 u thassar il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv Nru. 1691/2013 fl-ismijiet “Christine Borda vs Joseph Borda”.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------